MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1644/2001/1

**John u Claudia Ellul.**

**-vs-**

**Alan Formosa u b'digriet tat-23 ta' Mejju 2002, Dr.Victor Scerri u P.L. Veronica Rossignaud gew nominati kuraturi biex jirrapresentaw lill-assenti Alan Formosa.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Ottubru, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi akkwistaw is-subcens perpetwu tal-fond numru 33, ir-Rampa ta' Ta' Xbiex permezz ta' kuntratt datat 31 ta' Awissu, 1999 li gie ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr.John Gambin.

Illi l-konvenut permezz ta' cedoli ta depositi numri 1610/01 u 2130/00 qed jippretendi li hu ghandu titolu lokatizju fuq il-fond numru 33, ir-Rampa ta' Ta' Xbiex, Ta' Xbiex li wiret minghand missieru li kien jikri minghand l-atturi u ghal liema kirja qed jiddeposita s-somma ta' Lm76 ghas-sena kera mill-1 ta' Ottubru, 2000 sat-30 ta' Settembru, 2001 u mill-1 ta' Ottubru, 2001 sat-30 ta' Settembru, 2002, wara li l-istess kera ma gietx accettata mill-atturi.

Illi l-pretensjoni tal-konvenut m'ghandha l-ebda bazi guridika u sa' llum il-konvenut ghandu ma ddeduciex in gudizzju l-millantazzjoni tieghu pretisa fl-imsemmija cedoli u f'diversi ittri u dan kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smiegh u trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu imdendlin u jridu li jigu definittivament liberati mill-millantazzjoni li dan qieghed jivvanta kontra tieghu.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

(i) Jigu lilu prefiss terminu biex jiddeduci in gudizzju l-millantazzjoni tieghu kontra l-atturi minnu pretisa bl-imsemmi cedoli; u

(ii) In difett jigi impost lilu l-perpetwu silenzju.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati pprezentata fis-27 ta' Gunju, 2002 li permezz taghha ecepixxu:

1. Illi huma m'humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni u jitolbu lill-atturi jtuhom l-indirizz tal-patrocinat taghhom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk u meta jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati mahlufa minn l-Avukat Dottor Victor G.Scerri u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar 2004 illi permezz taghha gie impost fuq il-konvent perjodu ta' xahrejn biex iressaq il-pretensjoni tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat illi fl-istess verbal id-difensur tal-attur iddikjara li l-konvenut ma ressaqx il-pretensjoni tieghu fir-rigward, permezz ta' kawza.

U billi ghalhekk it-talba tal-attur mhijiex kontradetta.

**Tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u ghalhekk timponu fuq il-konvenut il-perpetwu silenzju fir-rigward tal-pretensjoni tieghu.**

**L-ispejjes jigu sopportati mill-konvenut izda l-attur ghandhu jhallas provizorjament lill-kuraturi deputati.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------